# 52. Il-Presepju

*Christmas Carol bil-mużika ta' Marija Lourdes Bonnici*

Oh xi ħlewwa ta' presepju!
ġo maxtura qalb it-tiben
bejn il-baqra u bejn il-ħmara
qed iħares t'Alla l-Iben.

Oh xi ħlewwa ta' tarbija,
dik ommu ferħana bih,
qiegħda tgeżwru ġewwa l-ħrieqi
issa għadha kemm tpoġġih.

Madwar l-għar, f'kull rokna tiegħu
anġli jgħannu ferħannin,
minn kull lewn l-ilbies ta' fuqhom,
dawk ġwenħajhom bajdanin!

F'ras il-għar kewkba bix-xuxa
illi t-triq turi mill-bogħod;
mad-dawl tagħha fuq l-iġmula
il-Maġi ġejjin bil-mod.

Minn ġox-xagħri qatgħa rgħajja
ġejjin jiżfnu għalenija;
bagħathom l-Anġlu b'ħerqa kbira
jaduraw lil d'it-tarbija.

Ftit 'il hemm il-belt ta' Betlem,
tara jnemnem xi musbieħ;
tal-mitħna l-antenni wieqfa,
wieqfa s-sienja fil-mistrieħ.

Oh xi ħlewwa ta' presepju,
għamilnieh, Ġesù, għalik!
oh ħallina hawn madwarek
ferħanin nitgħaxxqu bik!

Biss ħsieb wieħed din il-lejla
in-niket ġo qalbna jġib:
jiġi jum li biex tifdina
il-maxtura ssir salib.

6/11/1971